**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru 1**

**Rikors Maħluf Numru 304/2020 NC**

**L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta**

**vs.**

**Pitrolo Salvatore Restauri e Costruzioni Ltd**
**u b'digriet tal-24 ta' Novembru 2020 l-isem tal-konvenut ġie jaqra**
**"Restoration and Construction Services Group Limited"**

Illum 29 ta' Settembru 2022

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf ta' l-attriċi L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta (*a fol.* 1 *et seq.*) ippreżentat fil-15 ta' Mejju 2020 li jgħid hekk:

> *"Illi l-esponenti ppubblikat tender bir-referenza IM001/2019 ('Tender for resurfacing works of various rural roads'), liema tender kien jinkludi numru ta' lots. Illi permezz ta' proċess ta evalwazzjoni, l-esponenti għażlet l-offerta tas-soċjeta' konvenuta*

*fir-rigward ta' Lots 1 u 3, liema għażla saret fil-perjodu tad-disgħin (90) jum ta' validita' tat-tenders.*

*Illi kif jirriżulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. A', l-istess soċjeta' konvenuta aċċettat illi teżegwixxi x-xogħolijiet fir-rigward tal-imsemmija lots, liema aċċettazzjoni saret ukoll fil-perjodu tad-disgħin (90) jum ta' validita' tal-offerti sottomessi u liema aċċettazzjoni turi illi n-negozjati kuntrattwali bejn Infrastruttura Malta u s-soċjeta' konvenuta kienu fi stadju avvanzat ferm tant li kien jonqos biss illi s-soċjeta' konvenuta tiġbor l-istess kuntratti u tirritornahom iffirmati, hekk kif jidher ċar mill-letter of intent hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. B'.*

*Illi kuntrarjament għal dak li jistipula speċifikament l-Artikolu 8, imsejjaħ 'Perjodu ta' Validita' tal-Offerti' (Period of Validity of Tenders') tal-General Rules Governing Tenders, illi l-kumpaniji huma marbuta bl-offerta li huma jissottomettu għal perjodu ta' disgħin (90) jum, is-soċjeta' konvenuta injorat dan kollu u xorta waħda ma żammitx mal-aċċettazzjoni msemmija hawn fuq billi bla ebda raġuni ġusta hija rrinunzjat l-offerta tagħha fir-rigward tat-tliet lots u naqset li tersaq għall-iffirmar tal-kuntratt.*

*Illi l-bwona fede għandha tiġi osservata miż-żewġ partijiet mhux biss fil-konklużjoni u fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt iżda anke fil-fażi pre-kuntrattwali. Illi individwu jagħżel kappriċċożament illi ma jersaqx għall-iffirmar ta' kuntratt, sempliċiment għaliex m'għamilx ġestjoni tajba qabel aċċetta l-istess offerta, mhix raġuni valida biex ma jersaqx għall-konklużjoni tal-istess kuntratt.*

*Illi l-esponenti soffriet danni konsegwenza tar-rinunzja da parti tas-soċjeta' konvenuta, liema danni jikkonsistu fid-differenza fil-prezz sottomess mill-istess soċjeta' konvenuta u l-prezz tal-offerta li kkwalifikat fit-tieni post. Illi in oltre u hekk kif se jiġi esibit waqt il-mori ta' din il-kawża, id-differenza bejn il-prezzijiet imsemmija tammonta għal sebgħa u għoxrin elf, mija tlieta u tmenin Ewro u sittin ċenteżmu (€27,183.60).*

*Illi in oltre, minħabba l-fatt illi t-tender imsemmi hawn fuq huwa ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea, l-esponenti tista' saħansitra titlef dawn il-fondi kawża ta' dewmien, liema dewmien seħħ minħabba l-fatt illi kellha tiġi kkanċellata l-offerta favur is-soċjeta' konvenuta u kellu jerġa' jinbeda l-proċess mill-ġdid. Illi dan il-proċess mill-ġdid irriżulta wkoll f'telf ta' żmien u f'ħela ta' riżorsi tal-esponenti.*

*Illi huwa ċar li minħabba r-rinunzja tas-soċjeta' konvenuta, l-esponenti sofriet u qiegħda ssofri minn danni u għaldaqstant is-soċjeta' konvenuta għandha tiġi kkundannata tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni sofferti.*

*Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet da parti tal-esponenti sabiex is-soċjeta' konvenuta tirrikonsidra l-pożizzjoni tagħha, hekk kif jidher mill-ittra bonarja hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. Ċ', u sabiex eventwalment tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni sofferti, hekk kif jidher mill-ittra uffiċjali hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. D', l-istess soċjeta' konvenuta baqgħet inadempjenti.*

*Għaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni jogħġobha:*

*1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjeta' konvenuta permezz tar-rinunzja tagħha ikkawżat danni lill-esponenti.*

*2. Tillikwida l-ammont ta' danni sofferti mill-esponenti kawża tal-istess rinunzja.*

*3. Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta sabiex tħallas id-danni hekk likwidati lill-esponenti.*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-11 ta' Lulju 2019 kontra s-soċjeta' konvenuta li hija minn issa nġunta għas-subizzjoni."*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjeta' konvenuta Pitrolo Salvatore Restauri e Costruzioni Ltd[1] (*a fol.* 23 *et seq.*) ippreżentata fl-24 ta' Ġunju 2020 fejn jingħad hekk:

*"1. Preliminarjament għandha tintalab korrezzjoni mill-Aġenzija attriċi fl-isem tas-soċjeta' intimata u dan kif jirriżulta meħtieġ minn qari tad-dokument li qiegħed jiġi hawn unit u mmarkat bħala Dokument A.*

*2. Preliminarjament ukoll, l-Aġenzija attriċi għandha tiddikjara b'mod ċar u dirett is-sors tad-dritt tal-azzjoni minnha promossa sabiex is-soċjeta' intimata tkun f'pożizzjoni li tressaq ir-risposta tagħha għat-talbiet imressqa minnha. Konsegwentement is-soċjeta' intimata esponenti qiegħda tirriżerva li titlob il-permess lil dina l-Onorabbli Qorti, sabiex tressaq eċċezzjonijiet ulterjuri, wara li l-Aġenzija attriċi tkun dikjarat is-sors tad-dritt tal-azzjoni minnha promossa.*

*3. Mingħajr preġudizzju għas-suespost u b'riferenza għall-allegat nuqqas ta' osservanza tal-bwona fede mis-soċjeta' intimata, jiġi eċċepit, li s-soċjeta' esponenti intimata, konsistentement aġixxiet bi bwona fede assoluta u impekkabbli tant li meta stqarret li hija kienet qegħda tirrinunzja għall-offerta tagħha waqt l-laqgħa ma' l-ogħla uffiċjali tal-Aġenzija rikorrenti attriċi, hija spjegat b'mod skjett u sinċier, x'kienu il-motivazzjonijiet u r-raġunijiet wara tali rinunzja fosthom dik prinċipali, li hija tpoġġiet fl-impossibilita' li teżegwixxi x-xogħolijiet kawża ta' diversi fatturi li la kienu u lanqas huma fil-kontroll tagħha. Huwa magħruf u aċċettat illi l-liġi ma taċċettax li xi ħadd jiġi mġiegħel jagħmel dak li huwa impossibbli (Lex Non Cogit Ad Impossibilia).*

*4. Is-soċjeta' esponenti intimata fil-laqgħa li kellha mal-Aġenzija rikorrenti attriċi u fl-iskambju ta' komunikazzjonijiet li segwa, insistentement u kostantement aċċennat għall-fatt li hija kienet sfat vittma ta' prattiċi ta' limitazzjoni ta' kummerċ (restraint of trade) perpetwati minn fornituri tal-bitum (bitumen) f'Malta.*

[1] B'digriet mogħti waqt is-seduta tal-24 ta' Novembru 2020 (*a fol.* 55) l-isem tas-soċjeta' konvenuta ġie jaqra "Restoration and Construction Services Group Limited".

*Dan se jiġi spjegat f'aktar dettal fil-kors tas-smigħ tal-kawża. Ikkunsidrat il-fatt, li skont ma jirriżulta kemm mill-ittra uffiċjali tal-Aġenzija rikorrenti attriċi u kif ukoll mir-rikors ġuramentat tal-istess Aġenzija, x-xogħolijiet fuq it-toroq oġġett tal-offerta pubblika qed jiġu finanzjati mill-Unjoni Ewropea is-soċjeta' esponenti konvenuta ser tressaq ilment dwar dawn il-prattiċi quddiem l-awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni Ewropea ġaladarba l-Aġenzija rikorrenti attriċi ħasset li kellha tipproċedi ġudizjarjament.*

*5. Barra minnhekk ġie aċċennat ukoll mis-socjeta' intimata li fid-dokument spjegattiv b'rabta mall-bandu tal-offerti kienu jeżistu numru ta' inkongruwenzi u travizamenti li huma materjalment u sostanzjalment preġudizjevoli għal dak li lilu jiġi assenjat l-appalt. Ewlenija hija il-mankanza ta' indikazzjoni u spjegazzjoni dwar l-oneru ta' zmaltiment tal-materjal estratt mit-toroq u l-piż finanzjarju għal dan l-oneru. Jidher li din l-indikazzjoni u spjegazzjoni hija nieqsa għax minn investigazzjoni li saret mis-soċjeta' intimata, l-prattika kostanti fir-rigward ta' riasfaltar ta' toroq rurali, hija li l-konkos u l-asfalt jitpoġġa mingħajr ebda skavar anke jekk l-ispiża tal-iskavar tkun ġiet kompriża u inkluża fil-prezz. Din hija prattika li s-soċjeta' intimata tikkunsidra bħala waħda rregolari u li hija ma kinitx disposta li ssegwi sabiex timitiga l-piż finanzjarju forzat fuqha mill-fornituri tal-bitum kif fuq spjegat. Dan kollu ser jiġi spjegat f'dettal fil-kors tas-smigħ tal-kawża.*

*6. Irriżultat ukoll differenza notevoli bejn il-kwantitajiet previsti fid-dokument spegattiv u l-pjanti annessi u dawk effettivament u materjalment riżultanti fil-post. Id-differenza hija ta' tnejn għal wieħed. Din id-differenza hija riflessa fid-differenza fil-prezz bejn l-aħjar offerta u dik li ssegwi. Dan kollu ser jiġi spjegat f'dettal fil-kors tas-smigħ tal-kawża.*

*7. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri."*

Rat ir-Risposta Maħlufa Ulterjuri tas-soċjeta' konvenuta Restoration and Construction Services Group Limited (*a fol.* 69 *et seq.*) ippreżentata fit-30 ta' Novembru 2020 li tgħid is-segwenti:

*"1. Riferibilment għad-dikjarazzjoni tal-Aġenzija attriċi ppreżentata fid-9 ta' Settembru, 2020 u li permezz tagħha ġie dikjarat li s-sors tad-dritt tal-azzjoni minnha promossa hija dik ta' responsabilta' ex contractu, s-soċjeta' konvenuta esponenti teċepixxi illi r-responsabilita' pre-kuntrattwali ma tiffigurax f'ambitu u fl-isfera tar-responsabiltia' kuntrattwali billi r-responsabilita' pre-kuntrattwali ma ssibx l-oriġini u t-twelid tagħha f'xi obbligu miftiehem u kkuntratat bejn il-partijiet iżda tiskatta konsegwenti għar-rapport ġuridiku li jiġi instawrat bejn il-partijiet parteċipi fit-trattativi, fazi ta' pre-kuntratt.*

*2. L-argument tal-Aġenzija attriċi, kontenut fl-imsemmija dikjarazzjoni tagħha tad-9 ta' Settembru, 2020, li s-soċjeta' konvenuta esponenti kienet marbuta bl-offerta li hija kienet ssottomettiet, tikkostitwixxi kontrosens fil-kuntest tal-azzjoni promossa għall-dikjarazzjoni u kundanna ta' responsabilita' pre-kuntrattwali tas-soċjeta' konvenuta esponenti, billi jekk l-offerta kienet tikkostitwixxi rabta allura l-azzjoni li l-Aġenzija attriċi kellha tippromwovi kellha tkun dik għall-eżekuzzjoni tal-offerta u mhux dik għall-dikjarazzjoni u kundanna ta' responsabilita' pre-kuntrattwali.*

*3. Mingħajr preġudizzju għas-suespost u b'mod subordinat għalih, f'tema ta' responsabilita' pre-kuntrattwali kawża ta' obbligu de ineundo contractu marbuta u naxxenti mit-trattattiva, d-danni tutelati huwa dawk attribwibbli għall-interess negattiv tal-parti, vittma tal-interuzzjoni tat-trattattiva għal raġuni inġustifikata, li jfisser allura li d-danneġġjat għandu jitqiegħed fis-sitwazzjoni li kien qabel ma ġiet interrotta t-trattativa. Speċifikatament għall-każ odjern u fuq l-iskorta tal-prinċipju fuq espost, id-danni li l-Aġenzija attriċi allegatament ġarrbet u issa qegħda tirreklama, wara l-interuzzjoni tat-trattativa, kawża u riżultat ta' inizjattivi u deċiżjonijiet meħuda minnha u ta' atti magħmula minnha, la huma tutelabbli u wisq aktar reklamabbli f'sitwazzjoni u ċirkostanzi fejn tiġi invokata r-responsabilita' pre-kuntrattwali tas-soċjeta' konvenuta.*

*4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri."*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ.

Rat id-depożizzjonijiet tax-xhieda li xehdu qabel din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta u rat ukoll id-depożizzjonijiet tax-xhieda li xehdu wara li l-kawża ġiet assenjata lilha.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet (*a fol.* 318 *et seq.*) ippreżentata mill-Aġenzija Għal Infrastruttura Malta fit-13 ta' Mejju 2022.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet (*a fol.* 325 *et seq.*) ippreżentata mis-soċjeta' konvenuta Restoration and Construction Services Group Limited fit-23 ta' Ġunju 2022.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi tagħmel riferenza għax-xiehda u għad-dokumenti saljenti li ġew mismugħa u preżentati tul il-mori tal-proċeduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Settembru 2020, xehdet **Christine Friggieri** (*a fol.* 34 *et seq.*) fejn tibda billi tgħid li hija tokkupa l-kariga ta' *Head of Procurement and HR* fi ħdan l-Aġenzija attriċi. Tgħid li *procurement* huwa xiri pubbliku fejn il-maġġor parti tiegħu jsir b'pubblikazzjonijiet ta' *tender*. Tkompli billi tispjega li llum il-ġurnata dan isir permezz tal-*Electronic Procurement System* u li l-proċess kollu jsir *online*. Tgħid li hija tieħu ħsieb id-dokumentazzjoni, il-pubblikazzjoni, il-kjarifiki u l-ħatra tal-kumitati ta' evalwazzjoni. Tixhed li meta l-kumitati ta' evalwazzjoni jispiċċaw l-evalwazzjoni tagħhom hija tara r-rapport, tippreżenta dan ir-rapport lit-*tendering committee*, jiġi approvat u tipproċessa l-*award* billi tinforma lil kulħadd bl-eżitu tas-sejħa u titlob lill-kuntrattur jaċċetta l-*award online*, issir *Letter of Intent,* kuntratt u dan jgħaddi f'idejn l-*implementation* sabiex jinbeda x-xogħol. Tixhed li d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-offerti kienet il-15 ta' Marzu 2019 u li l-offerti kienu validi għal disgħin jum mid-data tal-għeluq. Tikkonferma li l-*award* seħħ fil-25 ta' April 2019 u wara li huma kkonfermaw li ma kienx daħalx appell, fis-6 ta' Mejju 2019 il-kuntrattur kien aċċetta l-*award online* u fl-istess ġurnata ntbagħtet il-*Letter of Intent* fejn is-soċjeta' konvenuta ġiet mistiedna tiffirma l-kuntratt. Temfasizza li dan kollu seħħ waqt il-*validity period* tal-offerta. Tkompli billi tgħid li fil-31 ta' Mejju 2019 irċevew

ittra ta' rinunzja mingħand is-soċjeta' konvenuta (Dok. "AIM 1" – *a fol.* 38). Tispjega li l-Aġenzija attriċi kitbet ittra lis-soċjeta' konvenuta fejn infurmatha bl-obbligi li joħorġu mill-*General Rules* u ċioé li la l-*award* saret waqt il-*validity period* is-soċjeta' konvenuta ma setgħetx tirtira l-offerta tagħha u nfurmawha bid-danni li tista' issofri. Tgħid li s-soċjeta' konvenuta ngħatat ukoll iċ-ċans li tirtira r-rinunzja tagħha. Tixhed li fid-19 ta' Ġunju 2019 saret laqgħa bejn is-soċjeta' konvenuta u l-Aġenzija attriċi sabiex il-problemi jkunu jistgħu jiġu ċċarati u tispjega li waqt il-laqgħa ġiet diskussa l-problema li kellha s-soċjeta' konvenuta u ċioé li qabel it-*tender* kienet ftehmet rata ma' soċjeta' terza għal provvista tal-*bitumen* u wara li hija rebħet l-offerta din is-soċjeta' terza ma riditx tonora dan il-ftehim. Tixhed li t-*tender* kienet maqsuma fi tmien (8) *lots* u s-soċjeta' konvenuta kienet irrakomandata fuq *lot* 1 u *lot* 3. Fuq *lot* 1 il-prezz tas-soċjeta' konvenuta kien ta' €103,397.74 waqt li l-prezz ta' min eżegwixxa l-kuntratt kien ta' €114,331.78. Waqt li fir-rigward ta' *lot* 3 il-prezz tas-soċjeta' konvenuta kien €126,326.96 mentri l-prezz li ta' min ħadmu kien ta' €142,576.52. Tgħid li konsegwentement id-differenza kienet dik ta' €27,183.60. Teżebixxi dokumenti in sostenn ta' dan (Dok. "AIM 3" sa "AIM 5" – *a fol.* 40 *et seq.*). Tispjega li s-somma ta' €27,183.60 huwa l-ammont li qed jintalab bħala danni pero' tgħid ukoll li din il-proċedura kienet iffinazjata mill-Unjoni Ewropea u li fl-ewwel ittra legali li ntbagħtet issemma r-riskju li jista' jkun li jintilfu xi fondi Ewropej. Tgħid ukoll li sa issa ma ntilfux dawn il-fondi iżda l-Aġenzija attriċi li tirregola dawn il-fondi tħallas sa l-ewwel ammont li ġie *awarded*. Tgħid ukoll li, sa fejn taf hi, is-soċjeta' konvenuta la qabel u lanqas wara din iċ-ċirkostanza ma kellhiex offerti oħra ma' l-Aġenzija attriċi.

In <u>kontro-eżami</u>, li sar fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2021 (*a fol.* 210 *et seq.*), tispjega li t-tieni kumpanija klassifikata f'*lot* 3 ġiet notifikata bil-possibbilita' li tieħu dan il-*lot* iżda dan ġara wara li għaddew id-disgħin ġurnata ta' validita' tal-offerta u hija rrifjutat din il-possibbilita' u għalhekk kellhom jgħaddu għat-tielet wieħed. Mistoqsija tgħid jekk it-tieni kklassifikat kienx jipproduċi asfalt, tgħid li ma tafx u li mil-lat ta' *procurement* ma tagħmilx differenza. Mistoqsija tgħid jekk jagħżlux l-offerent li jmiss minkejja li jkun għoli, wieġbet li jiddependi minn dak li jgħid l-*evaluation committee*

u li jekk dawn jikkunsidrawx l-offerta bħala *fair and reasonable.* Tikkonferma li jkun hemm stima inizjali pero' ma kinitx taf jekk din kinitx qrib jew ogħla. Tispjega li l-offerta fis-sejħa għall-offerti kienet ibbażata fuq *BOQ* u mhux *lump sum* u dan ifisser li jkun hemm rata *per cubic metre* jew *linear metre* u jkun hemm l-ammont stmat ta' kemm tkun maħsuba li ser tintuża dik ir-rata u jsiru l-multiplikazzjonijiet u l-addizzjonijiet neċessarji.

In <u>ri-eżami</u> tispjega l-implikazzjonijiet li darba li oblatur ikun tefa' offerta jkun aċċetta l-kundizzjonijiet tas-sejħa nkluż il-klawsola tal-penali dment li l-offerta tiġi aġġudikata fi żmien disgħin ġurnata. Tikkonferma wkoll li s-sejħiet għall-offerti jkunu miftuħa wkoll għal dawk il-kuntratturi li jkollhom impjanti tal-asfalt. F'dan ir-rigward jippermettu li l-kuntratturi li għandhom impjanti tal-asfalt jitfgħu offerta ma' kuntrattur ieħor bħala *sub-contractor* u dana sabiex jiftħu kemm jista' jkun is-suq.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Settembru 2020, xehed ukoll l-**Inġinier Frederick Azzopardi** (*a fol.* 43 *et seq.*) bħala Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija attriċi fejn jispjega li huwa ġie nvolut meta s-soċjeta' konvenuta rrifjutat li tiffirma kuntratt wara li ngħatat sejħa għall-offerti. Jgħid li huwa talab li ssir laqgħa li saret fid-19 ta' Ġunju 2019 waqt liema laqgħa ġiet diskussa l-kwistjoni li jgħid kienet li l-kuntrattur ma setax ikompli bix-xogħlijiet minħabba l-qatran li huwa dak li jiswa l-aktar flus meta tkun qed tagħmel triq u jispjega li minħabba li s-soċjeta' konvenuta ma kellhiex impjant f'Malta bilfors riedet tixtrih minn għand *suppliers* Maltin. Ikompli jispjega li s-soċjeta' konvenuta kienet qalet li kienet laħqet ftehim bi prezz imma wara li rebħet it-*tender* il-prezz li ntalbet tħallas minn għand dan is-*supplier* kien ogħla b'dana li kieku ħadmu l-kuntratt kienu jitilfu l-flus. Jispjega li dam jitlob id-dokumenti pero' dawn id-dokumenti ma waslu qatt.

In <u>kontro-eżami</u>, li sar fis-seduta tad-9 ta' Diċembru 2021 (*a fol.* 292 *et seq.*), Azzopardi jikkonferma li mhux in-norma li kuntrattur ma jiffirmax il-kuntratt u li dejjem ikun hemm raġuni u minħabba f'hekk huma jitkellmu mal-kuntrattur u jaraw jistgħux jaslu għal soluzzjoni. Jgħid li ġeneralment huma jippruvaw isalvaw l-offerta iżda jekk ma jirnexxielhomx huma jgħaddu fuq it-tieni wieħed u

f'dawn iċ-ċirkostanzi jitolbu d-differenza. Mistoqsi x'jagħmlu meta t-tieni offerent ma jaċċettax jgħid li f'dan il-każ meta d-dokumentazzjoni mitluba mill-ewwel offerent ma waslitx marru fuq it-tieni wieħed u minħabba li kienu għaddew id-disgħin ġurnata tal-validita' kellu d-dritt jirrifjuta li jagħmel ix-xogħol. Jixhed li minħabba li kienu damu jippruvaw isalvaw l-offerta u t-tieni wieħed għaddielu l-perjodu ta' validita' kellhom jippruvaw imorru fuq it-tielet wieħed u li b'hekk f'dan ir-rigward l-Aġenzija attriċi sofriet id-differenza bejn it-tieni u t-tielet wieħed. Jisħaq li huma ppruvaw isalvaw l-offerta u dejjem aġixxew *in bona fede* u ma kienx il-każ li ħallew iż-żmien jiskadi b'mod kapriċċuż. Jikkonferma li t-tieni wieħed irrifjuta u kellu d-dritt jirrifjuta iżda ma jafx x'inhi r-raġuni li wasslitu jirrifjuta.

In <u>kontro-eżami</u>, li tkompla fis-seduta tal-15 ta' Frar 2022 (*a fol.* 299 *et seq.*), Azzopardi jikkonferma li meta avviċinaw is-soċjeta' konvenuta dwar x'kienet il-problema din mal-ewwel ikkonfermat li meta talbet il-prezz tal-asfalt qabel is-sejħa hija ngħatat prezz u meta marret biex tixtri l-asfalt wara s-sejħa dan kien prezz ħafna ogħla. Dwar ir-rimi tal-iskart jgħid li din hija kwistjoni fil-pajjiż u li hija problema tant li kien hemm mumenti fejn il-kuntratturi ġibdu l-attenzjoni tal-Aġenzija attriċi li kienu jsibu diffikulta' fejn jarmu minħabba li l-prezzijiet kienu qegħdin jogħlew pero' ma jafx x'kien l-effett fuq it-*tender*.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2020, xehed **Roderick Caruana** (*a fol.* 57 *et seq.*) fejn jispjega li mal-Aġenzija attriċi huwa jieħu ħsieb it-taqsima tat-toroq rurali u t-taqsima tiegħu jieħdu ħsieb l-eżekuzzjoni ta' dawn il-proġetti u jiċċertifikawhom. Jgħid li r-rwol tiegħu fuq dan il-kuntratt kien li jikkoordina l-preparazzjoni tas-sejħa għall-offerti u li jieħu ħsieb li jiġu eżegwiti x-xogħlijiet. Dwar il-fondi Ewropej jgħid li parti mix-xogħol tiegħu huwa relatat mal-fondi Ewropej marbuta b'mod speċifiku ma' toroq f'żoni rurali. Fuq dan huma jaħdmu ma' aġenzija jisimha ARPA li xogħolha huwa li tikkontrolla n-nefqa dwar dawn il-proġetti. Jispjega li din l-aġenzija nfurmathom bil-miktub li hija tikkunsidra biss għan-nefqa l-irħas offerta li rċevew u li konsegwentement hemm ammont ta' ċirka €27,000 li jridu jitħallsu mill-Aġenzija attriċi. Jispjega li fid-19 ta' Ġunju 2019 kienet saret laqgħa mal-kuntrattur primarjament

sabiex jippruvaw isibu soluzzjoni u jgħid li l-kuntrattur spjega li iltaqa' ma' problema mal-fornitur tal-asfalt lokali u jispjega li milli jidher il-kuntrattur u l-fornitur kien ftehmu prezz imbagħad ġew rinfaċċati bi prezz differenti. Jgħid li l-Inġinier Azzopardi kien talab għad-dokumentazzjoni li għaddiet mal-fornitur iżda minkejja li għadda ċertu żmien din il-korrispondenza baqgħet ma ngħatatx. Jispjega fiex kienu jikkonsistu x-xogħlijiet u eżebixxa ritratti tagħhom (Dok. "RC 2" – *a fol.* 63 *et seq.*).

In <u>kontro-eżami</u>, li sar fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2021 (*a fol.* 224 *et seq.*), Caruana jikkonferma li qabel ma tinħareġ sejħa għall-offerti issir stima tax-xogħlijiet, liema stima tkun *itemised*. Jispjega li huwa jkollu kuntratt iffirmat bejn l-Aġenzija attriċi u l-kuntratturi u minn hemmhekk jiskatta l-ordni biex jibdew ix-xogħlijiet.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Frar 2021, xehed **Dr. Justin Zahra** (*a fol.* 142 *et seq.*) bħala rappreżentant tal-*Agricultural and Rural Payments Agency* (ARPA) fejn dwar il-fondi Ewropej jispjega li hemm fond illi speċifikament jgħin sabiex jiġu żviluppati komunitajiet rurali b'miżuri partikolari. Jgħid li waħda mill-miżuri tgħin sabiex jiġi ko-finanzjat it-titjib jew twettieq ta' toroq billi jagħtu iżjed aċċess lill-bdiewa għar-raba' tagħhom fil-kampanja. Jgħid li r-rwol tal-aġenzija ARPA huwa li darba li jingħata l-g*rant* lill-benefiċjarju jibda l-proċess ta' kontroll fuq kif jintefqu l-flejjes mill-bidu sat-tmiem. Jispjega li l-flus l-ewwel tħallashom l-aġenzija Maltija u wara huma jiġbru l-kontijiet tas-sena, liema kontijiet jiġu ċċertifikati minn awdituri esterni. Wara dan l-Unjoni Ewropea tikkonfermahom ukoll u wara tagħti l-flus lill-pajjiż fuq dak li taqbel miegħu. Jgħid li l-ARPA tivverifika jekk ġewx segwiti r-regoli u l-liġijiet u tivverifika li saret kompetizzjoni skont il-liġi u li meta benefiċjarju bħal Aġenzija attriċi toħroġ *tender* u tmur biex tagħmel l-aġġudikazzjoni, l-ARPA tara li ġie segwit il-proċess b'mod korrett inkluż li jkunu ġew garantiti d-drittijiet u t-trasparenza ta' l-offerti kollha anke dawk li setgħu offrew imma ma offrewx. Mistoqsi x'jiġri dwar ir-rinunzja tal-irħas offerent jispjega li jekk l-aġġudikazzjoni tkun saret ab bażi tal-irħas prezz, dak huwa l-valur li bih il-*Paying Agency* tista' tħallas lura. Ikompli jgħid li kull ammont in eċċess ta' dak irid jiġi mħallas mill-benefiċjarju nnifsu

Illi, fit-3 ta' Mejju 2021, ġie ppreżentat affidavit ta' **Salvatore Pitrolo** *(a fol.* 147 *et seq.*) in rappreżentanza tas-soċjeta' konvenuta fejn jgħid li s-soċjeta' konvenuta ħadet sehem fis-sejħa għall-offerti bl-isem "*Tender For Resurfacing Works Of Various Rural Roads*" u li s-soċjeta' konvenuta rebħet *lots* 1 u 3. Jgħid li s-soċjeta' konvenuta wettqet analiżi tal-prezz massimu applikabbli għall-provvista ta' l-asfalt minħabba li waqt is-sejħa għall-offerti hija kienet għamlet riċerka telefonika fuq dan. Jispjega li d-differenza bejn l-offerta tat-tieni oblatur u dik tas-socjeta' konvenuta hija minima waqt li dak li rebaħ is-sejħa kien produttur tal-asfalt u ta' prezz ħafna ogħla. Jispjega li r-raġuni prinċipali minħabba liema s-soċjeta' konvenuta kellha tirrinunzja għal dawn il-kuntratti huwa minħabba li l-kumpanniji li jipproduċu l-asfalt li kien bżonnjuż għal dan il-proġett ipparteċipaw għal dawn is-sejħiet u jispjega li s-soċjeta' konvenuta saret taf b'dan biss waqt il-laqgħa li kien hemm mal-Aġenzija attriċi. Jispjega li l-fatt li s-sejħa kienet miftuħa għal kulħadd ma setgħetx iseħħ mingħajr ma' dan kien parti mis-sejħa għall-offerti sabiex ikun hemm il-massimu tat-trasparenza. Jgħid li jkun stramb li l-kumpanniji ta' kostruzzjoni li hemm madwar l-Ewropa jkollhom impjanti ta' asfalt f'kull pajjiż fejn jaħdmu. Minħabba dawn iċ-ċirkostanzi l-kumpanniji li għandhom l-impjanti tal-asfalt ma kellhom l-ebda interess li jagħtu prezz għall-asfalt li huwa l-prezz li jiswa lilhom. Jgħid li dan ippermetta lill-Aġenzija attriċi li żżid il-prezz tal-appalt bi ksur tar-regolamenti Ewropej u jisħaq li huwa ma setax jipprevedi dan minħabba li l-lista ta' kumpanniji parteċipanti kienet pubblika biss wara l-għeluq tas-sejħa. Jgħid li raġuni oħra minħabba liema s-soċjeta' konvenuta ma setgħetx twettaq ix-xogħlijiet b'mod tajjeb huma relatati ma' ċertu anomaliji li jaffettwa ħażin il-prezz, b'mod partikolari fil-lantijiet tax-xogħol tas-siti adjaċenti kien hemm nuqqasijiet li permezz tagħhom ċertu xogħol ma twettaqx. Minbarra hekk il-kuntratt ma jinkludiex rati għar-rimi tal-iskart. Jgħid li minn spezzjonijiet li wettaq (kemm waqt li kien qed jippjana l-proġett u wara) deher biċ-ċar li l-kuntratturi ma rrispettawx ix-xogħlijiet fil-kuntratt. Jixhed li l-uċuh tat-toroq ġew asfaltati fuq il-livell qadim, mingħajr l-iskavar u bini mill-ġdid b'materjal apposta. Jgħid li billi x-xogħlijiet ma twettqux kif suppost, il-kuntratturi kienu f'pożizzjoni li jiffrankaw somma konsiderevoli ta' flus.

Jagħti lista ta' raġunijiet għalfejn it-talba ta' l-Aġenzija qed tiġi kkontestata:

- It-talba preżenti tal-Aġenzija attriċi mhux inkluża fis-sejħa għall-offerti.

- L-Aġenzija attriċi ma nkludietx fis-sejħa għall-offerti r-rekwiżiti sabiex il-kumpanniji parteċipanti jikkwalifikaw, ma semmietx il-prezz tas-sejħa u ma talbitx lill-kompetituri għal *breakdown* tal-prezz qabel l-għotja finali sabiex jiġu ġġustifikati prezzijiet anomali.

- Ma hemm l-ebda nuqqas minn naħa tal-kuntrattur minħabba li ma kienx hemm obbligazzjoni kuntrattwali.

- L-Aġenzija attriċi ma ressqet l-ebda prova tar-*ranking* il-ġdid li juri li l-komunita' Ewropea ġiet infurmata bi prezz ogħla tax-xogħlijiet.

- It-talba tal-Aġenzija attriċi m'hijiex mistħoqqa minħabba li ma ġewx ippreżentati l-kontijiet finali li juru li l-kuntratt ma sarulux varjazzjonijiet meta mqabbel ma' dak li hemm fis-sejħa b'piż akbar għan-nefqa Ewropea.

- It-talba tal-Aġenzija attriċi hija nfondata minħabba li jridu jitnaqqsu €46,023.59 ta' xogħlijiet li ma sarux iżda tħallsu xorta waħda.

- Ma ġewx ippreżentati dokumenti li juru li l-Komunita' Ewropea ġiet infurmata li ma kienx hemm varjazzjonijiet u li l-unika bidla kienet id-differenza bejn l-offerti oriġinali.

- Ir-raġuni tat-talba ta' l-Aġenzija attriċi qed tiġi kkontestata minħabba li ma rriservatx l-istess trattament lill-oblatur li kklassifika fit-tieni post u rrifjuta li jwettaq ix-xogħlijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-kawża odjerna ġiet imnedija mill-Aġenzija attriċi l-Aġenzija għall-Infrastruttura Malta fejn qed titlob sabiex is-soċjeta' konvenuta Restoration and Construction Services Group Limited tiġi kkundannata sabiex tħallas id-differenza fil-prezz ta' bejn l-offerta tagħha u l-offerta li biha finalment ġiet *awarded* is-sejħa għall-offerti bir-riferenza IM001/2019 li ġġib l-isem "*Tender For Resurfacing Works Of Various Rural Roads*".

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:

- fit-13 ta' Frar 2019 l-Aġenzija attriċi ppubblikat sejħa għall-offerti li ġġib l-isem "*Tender For Resurfacing Works Of Various Rural Roads*" (Dok. "I" – *a fol.* 78 *et seq.*);

- minbarra r-regoli nklużi fid-dokument ta' l-istess sejħa, is-sejħa għall-offerti kienet regolata wkoll mill-*General Rules Governing Tenders* maħruġa f'Jannar 2019 (Dok. "J" – *a fol.* 132 *et seq.*);

- is-sejħa għall-offerti kienet maqsuma fi tmien lottijiet (Dok. "APIT 03" – *a fol.* 172 *et seq.*);

- is-soċjeta' konvenuta rebħet kemm *lot* 1 kif ukoll *lot* 3 tant li fis-6 ta' Mejju 2019 l-Aġenzija attriċi bagħtet *Letter of Intent* (Dok. "B" – *a fol.* 6) lis-soċjeta' konvenuta fejn infurmatha li kienet ġiet aġġudikata s-segwenti:

    - *Lot* 1 bil-prezz ta' €103,397.74
    - *Lot* 3 bil-prezz ta' €126,326.96;

- fis-6 ta' Mejju 2019 is-soċjeta' konvenuta aċċettat fuq is-sistema elettronika tal-Gvern il-lottijiet li ġew aġġudikati lilha (Dok. "A" – *a fol.* 5);

- fit-13 ta' Mejju 2019 is-soċjeta' konvenuta ġabret il-kuntratt (Dok. "Ħ" – *a fol.* 68);

- fit-31 ta' Mejju 2019 Salvatore Pitrolo għan-nom tas-soċjeta' konvenuta bagħat ittra (Dok. "E" – *a fol.* 50) indirizzata lill-

Inġinier Frederick Azzoppardi fejn l-Aġenzija attriċi ġiet infurmata li s-soċjeta' konvenuta ma kinitx tista' taċċetta s-sejħiet għall-offerti għas-segwenti raġuni:

*"My surveyor also tells me that it has become impossible to accept this tender because our suppliers that gave us offers for the tenders now ask for a price for the material much higher than the moment we submitted the tender offers"*;

- permezz ta' ittra legali datata 31 ta' Mejju 2019 l-Aġenzija attriċi tat lis-soċjeta' konvenuta l-opportunita' li tirtira r-rifjut tagħha (Dok. "Ċ" – *a fol.* 7);
- permezz ta' ittra uffiċjali datata 11 ta' Lulju 2019 l-Aġenzija attriċi żammet lis-soċjeta' konvenuta responsabbli għad-danni (Dok. "D" – *a fol.* 8);
- fid-19 ta' Ġunju 2019 saret laqgħa bejn is-soċjeta' konvenuta u l-Aġenzija attriċi sabiex il-problemi jkunu jistgħu jiġu ċċarati u fejn ġiet diskussa l-problema li kellha s-soċjeta' konvenuta;
- il-pożizzjoni tas-soċjeta' konvenuta ġiet riaffermata mill-konsulent legali tagħha permezz ta' ittra elettronika mibgħuta fit-2 ta' Lulju 2019 (Dok. "F" – *a fol.* 53 *et seq.*).

Illi l-Aġenzija attriċi fetħet dawn il-proċeduri fejn fir-Rikors Maħluf tagħha (*a fol.* 1 *et seq.*) titlob is-segwenti:

- tiddikjara u tiddeċiedi li permezz tar-rinunzja tagħha s-soċjeta' konvenuta kkawżat danni lill-Aġenzija attriċi;
- tillikwida l-ammont ta' danni sofferti mill-Aġenzija attriċi u
- tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta sabiex tħallas dawn id-danni lill-Aġenzija attriċi.

Illi, minn naħa tagħha, fir-Risposta Maħlufa tagħha (*a fol.* 23 *et seq.*) is-soċjeta' konvenuta targumenta li:

- l-Aġenzija attriċi kellha tiddikjara b'mod ċar u dirett x'kien is-sors tal-azzjoni minnha promossa;

- is-soċjeta' konvenuta tgħid li hija dejjem aġixxiet *in bona fede* u kienet dejjem skjetta dwar x'kienu r-raġunijiet tar-rinunzja;

- huwa magħruf u aċċettat illi l-liġi ma taċċettax li xi ħadd jiġi mġiegħel jagħmel dak li huwa impossibbli;

- hija sfat vittima ta' prattiċi ta' limitazzjoni ta' kummerċ;

- kien hemm numru ta' inkongruenzi fis-sejħa għall-offerti;

- hemm differenza sostanzjali bejn il-kwantitajiet previsti fis-sejħa u dawk effettivament riżultanti fil-post.

Illi fir-Risposta Maħlufa Ulterjuri tagħha (*a fol.* 69 *et seq*.), is-soċjeta' konvenuta twieġeb, b'riferenza għad-dikjarazzjoni tal-Aġenzija attriċi (*a fol.* 48 *et seq*.) li s-sors tad-dritt tal-azzjoni minnha promossa hija ta' danni *ex contractu*, li r-responsabilita' pre-kuntrattwali ma tiffigurax fl-isfera tar-responsabilita' kuntrattwali. Is-soċjeta' konvenuta tkompli billi tgħid li d-dikjarazzjoni tal-Aġenzija attriċi li hija marbuta bl-offerta tagħha hija kontrosens fir-rigward tar-responsabilita' pre-kuntrattwali. Is-soċjeta' konvenuta tilmenta wkoll b'mod subordinat li f'tema ta' responsabilita' pre-kuntrattwali naxxenti minn trattattivi, id-danni tutelati huma dawk marbuta ma' interruzzjoni inġustifikata tat-trattattivi. Hija tgħid li d-danni li setgħet tirreklama l-Aġenzija attriċi kienu limitati għal danni li hija nkorriet sal-mument li spiċċat it-trattattiva.

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tal-eċċezzjonijiet preliminari mqajjma mis-soċjeta' konvenuta.

**Ikkunsidrat**

**Eċċezzjonijiet Preliminari**

Illi permezz tar-Risposta Maħlufa tagħha (*a fol.* 23 *et seq.*) is-soċjeta' konvenuta ressqet żewġ eċċezzjonijiet preliminari: l-ewwel waħda relatata ma' l-isem tas-soċjeta' konvenuta u t-tieni waħda marbuta mas-sors ta' dritt tal-azzjoni minnha promossa. Kif ingħad hawn fuq, fir-Risposta Maħlufa Ulterjuri tagħha (*a fol.* 69 *et seq.*), is-soċjeta' konvenuta tisħaq li r-responsabilita' pre-kuntrattwali ma tiffigurax fl-isfera tar-responsabilita' kuntrattwali.

<u>Eċċezzjoni dwar isem is-soċjeta' konvenuta</u>:
Illi jirriżulta li fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2020 (*a fol.* 55) is-soċjeta' konvenuta rtirat l-ewwel eċċezzjoni relatata ma' l-isem tas-soċjeta' konvenuta u dan sar wara li l-Qorti diversament preseduta ordnat korrezzjoni f'isimha u b'hekk il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eċċezzjoni.

Illi l-Qorti ser tgħaddi sabiex tistħarreġ l-eċċezzjoni l-oħra relatata mar-responsabilita' pre-kuntrattwali.

<u>Eċċezzjoni dwar li l-azzjoni tal-Aġenzija attriċi hija kontradittorja bbażata fuq responsabilita' pre-kuntrattwali u m'hijiex *ex contractu*</u>:
Illi permezz ta' din l-eċċezzjoni s-soċjeta' konvenuta tilmenta li r-responsabilita' pre-kuntrattwali ma toriġinax minn xi obbligu miftiehem u kuntrattat bejn il-partijiet iżda sseħħ fil-fażijiet ta' qabel il-firma tal-kuntratt. B'konsegwenza ta' dan, skont is-soċjeta' konvenuta l-azzjoni tal-Aġenzija attriċi għandha nuqqasijiet serji minħabba li l-azzjoni tirreferi għal responsabilita' fl-isfera pre-kuntrattwali waqt li fid-dikjarazzjoni hija tgħid li l-azzjoni hija bbażata fuq relazzjoni li toħroġ minn kuntratt u għalhekk kontradittorja. B'konsegwenza ta' dan, jingħad li l-azzjoni tal-Aġenzija attriċi tipekka proprju f'element vitali tal-ażżjoni proċedurali.

Illi dwar in natura tad-danni kkawżati minħabba l-ksur ta' kundizzjoni tas-sejħa, il-Qorti tagħmel riferenza għal sentenza mogħtija fil-11 ta' Ottubru 2006 fil-kawża fl-ismijiet **Anthony Baldacchino noe vs. Ic-Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta et** (Numru 1721/1996/1) fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet hekk:

"Jingħad fis-sentenza riportata a Vol. XXXVII P I p 140, b'abbinament ma' l-element tal-preskrizzjoni, illi jeżistu tliet xorta ta' danni. Jiġifieri, (i) dawk derivanti minn delitt veru u proprju; (ii) dawk l-oħra konnessi ma' ħtija akwiljana, u (iii) dawk dovuti għall-inadempjenza kontrattwali. Fil-fehma tal-Qorti din il-lista mhix eżawstiva in kwantu, kif jinsab insenjat minn ċerta dottrina legali u l-każistika, jeżistu danni oħra abbinati mal-fażi pre-kontrattwali u, għaliex le, mal-fażi ta' l-invit għall-offerti;

Issa huwa veru dak li jinsab ritenut illi *"il rapporto giuridico nasce appena sorga il vincolo creatore della obbligazione; e lo stesso vincolo si considera effetuarsi quando vi è l'unione della proposta e della accettazione, perche' in quel momento si immedesimano in modo tale da creare il vincolo. L'offerta, pero`, perche' possa produrre tale effetto così importante nel campo giuridico da costringere l'offerente alla precisa esecuzione della proposta da lui previamente fatta e in difetto, al risarcimento dei danni, deve essere precisa e determinata … … …"* (Kollez. Vol. XXVIII P I p 629). Anke, pero', fl-assenza ta' dan il-vinkolu, id-dannu kapaċi jinħoloq, avolja l-kwestjoni tkun għadha fil-fażi inizzjali ta' l-offerta. Hemm raġuni fundamentali għal din il-proposizzjoni;

Innegabilment, il-metru ta' dik il-bona fide li jippreċiza l-Artikolu 993 tal-Kodiċi Ċivili, u li bih jitkejjel l-eżekuzzjoni tal-kuntratti in ġenerali, għandu jkollu, b'adozzjoni, post xieraq anke fl-istadji anterjuri għall-konklużjoni tal-kuntratt. Hekk bil-metru ta' dan l-istess prinċipju l-parti li tgħid li ssubiet dannu tista' ġġib 'il quddiem prova ta' mġieba soġġettiva ta' malafede fil-kontroparti jew anke prova ta' kondotta merament kolpuża fejn dik il-kontroparti tkun, bla motiv ġust, naqset b'tali mod li twassal biex teludi l-aspettattivi ta' l-offerent fejn dan ikun ippresta fidi, bl-offerta tiegħu, fuq il-konklużjoni tal-kuntratt." [emfażi miżjuda]

Illi fuq l-istess tema u jekk sejħa għall-offerti tikkreax ftehim taċitu, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fid-29 ta'

April 2016 fl-ismijiet **Avukat Peter Fenech noe vs. Dipartiment tal-Kuntratti** (Numru 977/2009) fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri), f'każ fejn id-Dipartiment tal-Kuntratti ma segwiex id-dettami tas-sejħa, qalet is-segwenti:

> "17. Għalkemm il-kuntest huwa differenti, is-sisien loġiċi tal-azzjoni tal-lum huma l-istess: hekk kif il-Konsorzju fuq stedina tad-Dipartiment għamel offerta, inħolqot relazzjoni kunsenswali –ftehim taċitu *de ineundo contractu* – bejn il-partijiet fis-sens illi l-offerta titqies kif imiss u ma tiġix imwarrba jekk mhux għal raġunijiet li jiswew fil-liġi. Ir-responsabilita' ta' min jonqos li jħares il-kundizzjonijiet ta' dan il-patt taċitu hija r-responsabilita' ta' min jonqos li jħares patt kuntrattwali, u għalhekk hija *ex contractu*.[2]
>
> 18. Il-konklużjoni illi r-responsabilita' pre-kuntrattwali hija *ex contractu* u mhux *ex delicto vel quasi* twassal għall-konklużjoni illi art. l-2153 Kod. Ċiv. ma igħoddx għall-każ tallum. L-appell inċidentali dwar l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni huwa għalhekk miċħud, u l-eċċezzjoni tibqa' miċħuda, għalkemm għal raġuni differenti minn dik mogħtija mill-ewwel qorti." [emfażi miżjuda]

Illi l-Qorti taqbel ma' dak li ngħad hawn fuq u tagħmlu tagħha b'dana għalhekk illi l-Qorti hi tal-fehma li l-azzjoni hekk kif magħmula mill-Aġenzija attriċi hija korrettament ibbażata fuq relazzjoni *ex contractu* u r-riferenza għar-reġim pre-kuntrattwali ma jwassalx għal kontradittorjeta' irrikonċiljabbli.

Illi in vista ta' dak li ngħad hawn fuq, l-argumenti mressqa mis-soċjeta' konvenuta rigwardanti in-natura tat-talba tal-Aġenzija attriċi sejrin jiġu miċħuda.

[2] Għalkemm fid-dottrina hemm min iqis ir-responsabilita' pre-kuntrattwali bħala *"dritte Spur"* jew *"third lane between contract and tort"*, u għalhekk għajn ġdida ta' obbligazzjonijiet, is-soluzzjoni "kuntrattwali" tidher aktar korretta, għallinqas fil-kuntest tal-liġi tagħna li fl-Art. 959 Kod. Ċiv. li jelenka tassativament l-għejun tal-obbligazzjonijiet.

**L-Ewwel (1) Talba**
**(Tiddikjara u tiddeċiedi illi permezz tar-rinunzja tagħha s-soċjeta' konvenuta kkawżat danni lill-Aġenzija attriċi):**

Illi, kif ingħad aktar 'il fuq, is-soċjeta' konvenuta tilmenta li kellha raġunijiet plawsibbli sabiex tonqos milli tiffirma l-kuntratt minħabba li hija dejjem aġixxiet *in bona fede* u kienet dejjem skjetta dwar x'kienu r-raġunijiet tar-rinunzja. Hija tgħid li huwa magħruf u aċċettat illi l-liġi ma taċċettax li xi ħadd jiġi mġiegħel jagħmel dak li huwa impossibbli. Tisħaq ukoll li hija sfat vittma ta' prattiċi ta' limitazzjoni ta' kummerċ u li kien hemm numru ta' inkongruenzi fis-sejħa għall-offerti u li rriżultat differenza sostanzjali bejn il-kwantitajiet previsti fis-sejħa u dawk effettivament riżultanti fil-post.

Illi l-Qorti tibda billi tgħid li l-eċċezzjonijiet hawn fuq imsemmija mis-soċjeta' konvenuta ma humiex raġunijiet valida sabiex soċjeta' konvenuta ma tidħolx għall-kuntratt wara li ssottomettiet offerta.

Illi l-kwistjoni ta' *bona fede* ma teżentax lis-soċjeta' konvenuta mir-responsabilita'. Li trid tipprova s-soċjeta' konvenuta huwa li hija aġixxiet bir-reqqa neċessarja u li ħadet il-miżuri neċessarji sabiex tara li tista' twettaq dik ir-responsabilita' li assumiet fuqha hekk kif ser jiġi spjegat aktar 'il quddiem.

Illi għandu jingħad li sejħa għall-offerti bħal din li taqa' taħt il-proċedura miftuħ (bl-Ingliż "*Open Procedure*") ma tikkontemplax possibilita' ta' negozjati. B'hekk il-kuntrattur li jipparteċipa f'tali sejħa għall-offerti jkun qed jaċċetta l-kundizzjonijiet tas-sejħa nkluż il-kundizzjonijiet bin-numru 8 u 12.3 tal-*General Rules Governing Tenders* (Dok. "J" – *a fol.* 132 *et seq.*). Ġialadarba ġew imposti dawn il-kundizzjonijiet, dawn iridu jiġu rispettati b'mod strett minħabba li jekk ma jsirx hekk wieħed ikun qed jikser il-prinċipji fundamentali tal-akkwist pubbliku tat-trattament ugwali, tat-trasparenza u non-diskriminazzjoni.

Illi fis-sentenza mogħtija fid-29 ta' April 2004 fl-ismijiet **CAS Succhi di Frutta v. Commission** (C-496/99), il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea qalet is-segwenti:

*"110. Under the principle of equal treatment as between tenderers, the aim of which is to promote the development of healthy and effective competition between undertakings taking part in a public procurement procedure, all tenderers must be afforded equality of opportunity when formulating their tenders, which therefore implies that the tenders of all competitors must be subject to the same conditions."*

Illi għalhekk li kieku l-Aġenzija attriċi naqset milli tapplika l-kundizzjonijiet tas-sejħa hija kienet tikser il-prinċipju ewlieni tat-trattament ugwali li huwa mħaddan wkoll fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 601.03 tal-Liġijiet ta' Malta u fid-Direttivi Ewropej b'dana illi kienet twettaq modifika sostanzjali għas-sejħa oriġinali.

Illi fis-sentenza mogħtija fid-19 ta' Ġunju 2008 fl-ismijiet **Pressetext Nachrichtenagentur GmbH vs. Republik Österreich (Bund)** (C-454/06), il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea spjegat is-segwenti dwar modifiċi sostanzjali:

"35. L-emenda ta' kuntratt pubbliku fil-perijodu ta' validita' tiegħu tista' tkun ikkunsidrata bħala sostanzjali meta hija tintroduċi kundizzjonijiet li, kieku kienu preżenti fil-proċedura inizjali ta' għoti ta' kuntratt, kienu jwasslu għall-aċċettazzjoni ta' offerenti oħra barra minn dawk inizjalment aċċettati jew kienu jippermettu li tintgħażel offerta differenti minn dik inizjalment magħżula.

36. Bl-istess mod, emenda ta' kuntratt tista' tkun ikkunsidrata bħala sostanzjali meta hija testendi l-kuntratt, b'mod kunsiderevoli, għal servizzi mhux previsti inizjalment. Din l-aħħar imsemmija interpretazzjoni hija kkonfermata mill-Artikolu 11(3)(e) u (f), tad-Direttiva 92/50, li jimponi, fil-każ tal-kuntratti pubbliċi għal servizzi li għandhom bħala suġġett, esklużivament jew fil-parti l-kbira, servizzi li jinsabu fl-anness I A ta' din id-direttiva, restrizzjonijiet fir-rigward tal-kwistjoni sa fejn l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jirrikorru għall-proċedura negozjata sabiex jingħataw servizzi addizzjonali għal dawk li kienu s-suġġett tal-kuntratt inizjali.

37. Emenda tista' tkun ikkunsidrata wkoll bħala sostanzjali meta hija tbiddel il-bilanċ ekonomiku tal-kuntratt favur l-offerent magħżul b'mod li ma kienx previst fit-termini tal-kuntratt inizjali."

Illi, meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq, il-Qorti tinnota li fil-*General Rules Governing Tenders* (Dok. "J" – *a fol.* 132 *et seq.*) is-sejħa għall-offerti kienet tinkludi l-obbligu għas-soċjeta' konvenuta li tidħol għall-kuntratt darba li r-rakkomandazzjoni saret definittiva. In fatti kundizzjoni 8.6 tgħid hekk:

*"Once the recommendation has become definitive the recommended bidder is obliged to accept the offer through Government's e-procurement platform."*

Illi għandu jiġi nnutat ukoll li f'kundizzjoni bin-numru 12.3 tal-istess regoli (Dok. "J" – *a fol.* 132 *et seq.*) hemm provdut li fejn il-kuntrattur ma jidħolx għall-kuntratt ikollu jħallas id-differenza bejn il-valur tal-offerta tiegħu u l-valur tal-offerta finalment rakkomandata. Il-Qorti tisħaq għal darba oħra li kieku l-Aġenzija attriċi njorat dawn iż-żewġ kundizzjonijiet hawn fuq imsemmija kienet tkun qed twettaq negozjati billi temenda s-sejħa oriġinali b'dana illi konsegwentement kienet tmur kontra t-tagħlim imfisser mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Illi dwar negozjati fi proċedura miftuħa, fis-sentenza mogħtija fl-4 ta' Mejju 2017 fil-kawża fl-ismijiet **Esaprojekt sp. z o.o. vs. Województwo Łódzkie** ( C-387/14), il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea qalet is-segwenti:

"37. Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza diġa' jirriżulta li l-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni kif ukoll l-obbligu ta' trasparenza jippreKludu negozjati bejn l-awtorita' kontraenti u offerent fil-kuntest ta' proċedura ta' għoti ta' kuntratt pubbliku, u dan jimplika li, bħala prinċipju, offerta ma tistax tiġi emendata wara li tintefa', sew jekk dan ikun fuq l-inizjattiva tal-awtorita' kontraenti jew fuq dik tal-offerent." [emfażi miżjuda]

Illi dan il-principju ġie riaffermat f'numru ta' sentenzi oħra. Fost l-oħrajn, il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-7 ta' April 2016 fil-kawża fl-ismijiet **Partner Apelski Dariusz vs. Zarząd Oczyszczania Miasta** (C-324/14) fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea qalet hekk:

> "62. Barra minn hekk, hekk kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġa' ddeċidiet, il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni kif ukoll l-obbligu ta' trasparenza jipprekludu negozjati bejn l-awtorita' kontraenti u offerent fil-kuntest ta' proċedura ta' għoti ta' kuntratt pubbliku, u dan jimplika li, bħala prinċipju, offerta ma tistax tiġi emendata wara li tintefa', sew jekk dan ikun fuq l-inizjattiva tal-awtorita' kontraenti jew fuq dik tal-offerent. Minn dan isegwi li l-awtorita' kontraenti ma tistax titlob kjarifiki mingħand offerent li hija tqis li l-offerta tiegħu hija impreċiża jew li ma hijiex konformi mar-rekwiżiti tekniċi tal-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt (sentenza tal-10 ta' Ottubru 2013, Manova, C-336/12, EU:C:2013:647, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata)."

Illi fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza hawn fuq kwotata l-Qorti hija tal-fehma li kieku l-Aġenzija attriċi njorat il-kundizzjonijiet msemmija iktar 'il fuq tal-kundizzjoni tas-sejħa kienet tkun qiegħda tinnegozja kundizzjonijiet ġodda u b'dan kienet twettaq diskriminazzjoni kontra dawk l-offerenti potenzjali u offerenti attwali billi tiġġudika sejħa differenti minn dik pubblikata, fatt li proċedura miftuħa ma huwiex possibbli.

Illi s-soċjeta' konvenuta tilmenta wkoll li wieħed ma jistax jippretendi li hija twettaq xi ħaġa impossibbli. Dwar l-impossibilita' li titwettaq obbligazzjoni, il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-10 ta' April 2008 fil-kawża fl-ismijiet **Tabone Computer Centre Ltd vs. Joe Camilleri** (Numru 198/2004) fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet is-segwenti:

> "Madankollu, hija regola magħrufa li *"perche` l'impossibilita` della prestazione costituisca causa di esonero del debitore da responsabilita`, non basta eccepire che la prestazione*

> *non possa eseguirsi pel fatto del terzo, ma occorre altresi` dimostrare la propria assenza di colpa con l'uso della diligenza spiegata per rimuovere l'ostacolo frapposto da altri all'esatto adempimento"*[3]*."*

Illi sabiex teżimi ruħha minn kull ħtija s-soċjeta' konvenuta trid tipprova li fl-aġir tagħha hija aġixxiet bħala *bonus paterfamilias*. Il-Qorti hija tal-fehma li meta s-soċjeta' konvenuta sottomettiet offerta mingħajr ma kellha konferma bil-miktub ta' dak li kellhom ikunu l-prezzijiet ta' l-asfalt hija naqset mid-diliġenza rikjesta minnha. F'dan ir-rigward issir riferenza għas-sentenza mogħtija fit-22 ta' Ottubru 2004 fil-kawża fl-ismijiet **Id-Direttur tal-Kuntratti vs. Office Electronics Limited** (Numru 707/1998/1) fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet is-segwenti:

> "Jiġi osservat ukoll li d-diliġenza tal-*bonus paterfamilias* kienet tirrikjedi li qabel ma s-soċjeta' konvenuta tidħol f'rabta kontrattwali mal-attur u tikkommetti ruħha biex tforni l-karti li kellha timporta minn barra, mingħand *supplier* ieħor, hija kellha tassigura forma ta' ftehim ma' dan is-*supplier* li kien jorbot li dan tal-aħħar fil-konfront tagħha; u akbar ma jkun il-valur tal-appalt, akbar ikun dan l-oneru fuq l-appaltatur. Iżda anke f'dan ir-rigward il-provi tas-soċjeta' konvenuta huma mankanti, fis-sens li ma nġabet ebda prova f'dan ir-rigward."

Illi l-argument imressaq mis-soċjeta' konvenuta li għamlet sondaġġ telefoniku ma jikkonvinċix lil din il-Qorti. Bħal ma ntbagħtu l-*emails* (*a fol.* 158 *et seq.*) li jinsabu ma' l-affidavit ta' Salvatore Pitrolo, is-soċjeta' konvenuta setgħet faċilment bagħtet l-istess *email* qabel ma tefgħet l-offerta. Fl-aħħar mill-aħħar is-sejħa għall-offerti damet miftuħa ftit aktar minn xahar u dan żgur huwa żmien suffiċjenti f''liema setgħu jintbagħtu dawn l-*emails*. Il-Qorti tinnota li għall-*emails* li bagħtet f'Ġunju 2019, is-soċjeta' konvenuta kellha risposti inkluż rati u konsegwentement huwa kemm xejn skreditat l-argument li ħadd ma ried jagħti kwotazzjoni bil-miktub!

---

[3] Cass. 22.10.1973 (Każ Nru. 2688).

Illi l-Qorti tinnota wkoll li fl-affidavit tiegħu, Pitrolo jispjega li s-soċjeta' konvenuta wettqet ukoll analiżi tal-prezz tal-asfalt f'Malta u tirreferi għal Dok. "APIT 01" (*a fol.* 155 *et seq.*). Il-Qorti tinnota li dan id-dokument jirreferi għal irċevuta maħruġa minn kumpannija terza (*a fol.* 157), liema rċevuta ġġib d-data tad-9 ta' Frar 2021 u ċioé ferm wara li għalqet is-sejħa għall-offerti! Sabiex ikun jista' jsir paragun kien ikun aħjar li tali analiżi ssir fuq irċevuta ta' żmien s-sejħa minħabba li analiżi bbażata fuq rati tas-sena 2021, ċioé ferm wara li nfetħet din il-kawża, ma tistax twassal għal analiżi komparattiva neċessarja.

Illi anke jekk għas-saħħa tal-argument wieħed iqis l-argument tal-għoli tal-prezzijiet, is-sentenza hawn fuq imsemmija fl-ismijiet **Id-Direttur tal-Kuntratti vs. Office Electronics Limited** spjegat is-segwenti:

> "Fuq il-każijiet ta' diffikulta' fl-eżekuzzjoni ta' kuntratt minħabba awment fil-prezzijiet, il-ġurisprudenza nostrana tinsenja: *"Veru huwa … li l-għoli tal-prezz mhix raġuni valida biex tiġġustifika l-'forza maggiore' speċjalment fil-kuntratti aleatorji, kif inhu l-appalt, iżda ġie anke ritenut illi l-prezz, anzi f'każijiet bħal dawn, ma għandux ikun tali illi jġib ħsara enormi lid-debitur"* [Vol. XXXI.I.554] *".. meta l-eżekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni ssir impossibbli jew tant gravuża għad-debitur, illi min għandu jiġġudika jara li ma jkunx ġust li d-debitur jiġi kundannat għall-adempiment tagħha."* [Vol. XXXI.I.467]. Dawn huma applikazzjoni tal-prinċipji kif esposti mill-awtur Cogliolo [Scritti di Diritto Privato][4]: *" l'aggravamento del rischio, l'obbligo di maggiori spese, lo scomparire di ogni guadagno del venditore non sono ragioni di rottura del contratto….. Sarebbe un errore dire che le difficolta' sien pure grandi, della prestazione esonerano dal compierla; ma sarebbe pure un errore il dire che per l'esonero ci vuole l'assoluta obiettiva impossibilita'. Tocca al magistrato caso per caso … Di piu', il-diritto non puo' dire, ne' una formola piu' ricca di contenuto e possibile dare; il resto e' lasciato all arbitrium judicis.""*

[4] Kwotat fil-kawza **Consiglia Fenech vs. Angelo Carabott** [1941] [Vol. XXXI.I.467].

Illi mill-atti proċesswali l-Qorti ma setgħetx tasal sabiex tiddetermina jekk iż-żieda li kellha taffronta is-soċjeta' konvenuta kinitx ser tkun gravuża. Il-prova mressqa abbażi tal-analiżi nkluża in atti hija għal kull tunnellata jew metru kubu iżda fil-*BOQ* l-offerta kienet għal metru kwadru u metru lineari u għalhekk ir-rati pprovduti ma jistgħux jiġu kkomparati. Minbarra dan l-*emails* li hemm f'Dok. "APIT 02" (*a fol.* 158 *et seq.*) intbagħtu wara li s-soċjeta' konvenuta rrinużjat għas-sejħa għaldaqstant lanqas huma attendibbli sabiex il-Qorti tibbaża l-analiżi tagħha fuqhom. Konsegwentement il-Qorti m'hijiex f'pożizzjoni li tara jekk iż-żieda fl-asfalt kinitx tant gravuża li kieku kienet tillibera lis-soċjeta' konvenuta mill-osservanza tal-obbligi assunti minnha fil-mument li ppreżentat l-offerta tagħha.

Illi fil-verita' lanqas tressqet prova li kien hemm xi forma ta' kuntatt mal-fornituri tal-asfalt qabel ma ġiet sottomessa l-offerta mis-soċjeta' konvenuta. Is-soċjeta' konvenuta faċilment setgħet tressaq il-prova ta' din billi tħarrek il-persuni li verbalment allegatament tawha l-*quote* qabel is-sejħa!

Illi rigward il-kwistjoni allegata mis-soċjeta' konvenuta li hija kienet vittima ta' prattiċi ta' *restraint of trade*, il-Qorti tinnota li din ma ġietx ippruvata. Is-soċjeta' konvenuta tilmenta wkoll li fis-sejħa kien hemm inkongruenzi li minħabba fihom hija ma ressqitx għall-kuntratt. Fuq dan il-punt il-Qorti hija tal-fehma li kien hemm rimedji differenti li setgħet tuża s-soċjeta' konvenuta. Ibda billi jingħad li fis-sejħa għall-offerti hemm provdut li l-offerent prospettiv jista' jitlob kjarifika waqt it-terminu tas-sejħa. Ta' min jinnota li skont Regolament 38 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 601.03 tal-Liġijiet ta' Malta dawn iridu jiġu mwieġba b'mod tassattiv sa sitt ijiem qabel ma tagħlaq is-sejħa. L-istess Leġislazzjoni Sussidjarja 601.03 tipprovdi wkoll li oblatur ekonomiku jista' abbażi ta' Regolament 262 jitlob rimedju mill-Bord ta' Reviżjoni. Ġialadarba s-soċjeta' konvenuta ma għamlitx użu minn dan ir-rimedju ma tistax issa tiġi u f'dan l-istadju tressaq tali ilmenti sabiex iservu ta' ġustifikazzjoni għalfejn ma daħlitx għall-kuntratt! Dan il-ħsieb ġie rifless ukoll fis-sentenza mogħtija fid-9 ta' Marzu 2020 fil-kawża fl-ismijiet **Sultech & Co vs. Ministeru għal Għawdex et** (Numru 385/2019) fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) qalet hekk:

> "8. L-ilment ta' Sultech jolqot nuqqas jew irregolarita' li, fil-fehma tagħha, kien ġà jeżisti qabel ma saret l-evalwazzjoni tal-offerti u, anzi, qabel ma għalaq iż-żmien li fih setgħu jintefgħu l-offerti. It-talba għat-tħassir tas-sejħa għal offerti għalhekk kellha ssir, kif irid ir-reg. 262, "qabel id-data tal-għeluq ta' sejħa għall-kompetizzjoni". *Sultech* mhux biss ma ressqitx dan l-ilment qabel id-data tal-għeluq tas-sejħa iżda wkoll lanqas ma ressqitu quddiem il-Bord ta' Reviżjoni, u għalhekk ma tistax tressqu f'dan l-istadju."

Illi ta' l-istess ħsieb hija s-sentenza mogħtija fit-30 ta' Ġunju 2021 fil-kawża fl-ismijiet **Truevo Payments Limited vs. Direttur tal-Kuntratti et** (Numru 95/21/1), fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) qalet is-segwenti:

> "7. Mhux l-istess jista' jingħad fil-kuntest tal-aggravju l-ieħor tas-soċjeta' issa appellanti, dak marbut mal-inammissibilita' tal-azzjoni in vista tar-rimedju ikkontemplat fir-Regolament 262 aktar qabel indikat. Hu ċar li l-ilmenti tas-soċjeta' Credorax Ltd huma diretti lejn il-proċedura wżata u ma humiex marbuta mas-sustanza tal-offerta. Din is-soċjeta' qed tilmenta mill-użu tal-proċedura tal-għoti tal-kuntratt b'negozjati, fuq il-mod kif ġie imfassal il-proċess ta' din il-proċedura u li ma kienx hemm l-approvazzjoni tad-Direttur tal-Kuntratti għall-użu ta' din il-proċedura. Dawn it-tlett aggravji li abbażi tagħhom il-kumpanija appellata Credorax Ltd ppreżentat l-appell tagħha jirrigwardjaw materji illi kienu jeżistu sa mill-bidu nett tal-proċedura in kwistjoni, u għal dawn l-ilmenti kienu jeżistu rimedji taħt ir-Regolament 262. Dawn l-ilmenti kellhom jitressqu qabel id-data tal-għeluq ta' sejħa għall-kompetizzjoni u mhux, bħal fil-każ tal-lum, wara dik id-data, u saħansitra wara d-deċiżjoni dwar l-għoti tal-kuntratt."

Illi stabbilit dan jibqa' li jiġi mistħarreġ l-ilment relatat mal-prattiċi tax-xogħol imwettqa minn kuntratturi oħra fejn allegatament wasslu għal xogħlijiet ħżiena. F'dan ir-rigward, il-Qorti hija tal-fehma li din mhux ġustifikazzjoni aċċettabbli għax ħadd mill-awtorita'

kontraenti ma talab lis-soċjeta' konvenuta tikser it-termini tal-kuntratt. Minbarra dan jekk dawn ix-xogħlijiet twettqu b'differenza minn dak li hemm fis-sejħa għall-offerti, din kienet tikkostitwixxi modifika għall-kuntratt u jekk tali modifika kienet modifika illegali s-soċjeta' konvenuta kellha rimedju sabiex titlob l-ineffettivita' tal-kuntratt *ai termini* tar-Regolament 277 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 601.03 tal-Liġijiet ta' Malta u saħansitra titlob id-danni *ai termini* ta' Regolament 278 ta' l-istess Leġislazzjoni msemmija. Jekk hija naqset milli tagħmel użu minn tali rimedju hija ma tistax tressaq tali ilment f'din iċ-ċirkostanza sabiex tiġġustifika n-nuqqas tagħha li tiffirma l-kuntratt.

Illi fl-affidavit tiegħu (*a fol.* 147 *et seq.*), Salvatore Pitrolo jagħti raġunijiet għaliex skont huwa t-talba tas-soċjeta' attriċi mhux mistħoqqha. Huwa jgħid:

- <u>It-talba preżenti tal-Aġenzija attriċi mhux inkluża fis-sejħa għall-offerti</u>. F'dan ir-rigward l-Aġenzija attriċi tirreferi għal kundizzjoni 12.3 tal-*General Rules Governing Tenders* (Dok. "J" – *a fol.* 132 *et seq.*). Jirriżulta minn klawsola 1.1 tas-sejħa għall-offerti (Dok. "I" - *a fol.* 78 *et seq.*) s-segwenti: *"These instructions to tenderers compliment the latest version of the general rules governing tenders applicable on the date of publication of this tender.....".* Għalhekk jirriżulta ċar li minbarra t-termini nklużi fis-sejħa għall-offerti, l-istess sejħa kienet regolata mill-*General Rules Governing Tenders*. Il-kundizzjoni kkwotata mill-Aġenzija attriċi hija ċara u tistabbilixxi li oblatur ekonomiku li jirtira l-offerta tiegħu waqt il-perjodu ta' validita' ikun passibbli li jħallas id-differenza bejn l-offerta tiegħu u l-offerta eventwalment rakkomandata.

- <u>L-Aġenzija attriċi bil-kontra ta' dak li huwa previst fil-liġi Ewropea ma nkludietx fis-sejħa għall-offerti r-rekwiżiti sabiex il-kumpanniji parteċipanti jikkwalifikaw, ma semmietx il-prezz tas-sejħa u ma talbitx lill-kompetituri għal *breakdown* tal-prezz qabel l-għotja finali sabiex jiġu ġġustifikati prezzijiet anomali.</u>

Fir-rigward tal-prezz, il-Qorti tinnota li fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 601.03 tal-Liġijiet ta' Malta ma jirriżultax obbligu li jiġi ppubblikat il-*budget*. L-unika riferenza għal *budget* jirriżulta fid-definizzjoni ta' offerti inaċċettabbli. L-unika obbligu li jirriżulta huwa li l-awtorita' kontraenti trid taħdem il-*budget* tagħha iżda imkien ma hemm l-obbligu li dan irid jiġi ppubblikat fis-sejħa. Mill-atti proċesswali (*a fol.* 241 *et seq.* u *a fol.* 271 *et seq.*) jidher li din l-istima saret.

Fir-rigward ta' rekwiżiti ta' kwalifikazzjoni, il-Qorti tifhem li dak li qed isir riferenza għalih huma l-kriterji tal-għażla hekk kif regolati fit-Taqsima VII tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 601.03 tal-Liġijiet ta' Malta. Minn qari ta' Regolamenti 217, 218 u 222 jirriżulta li dawn ir-rekwiżiti huma fakultattivi u hija l-awtorita' kontraenti li tiddeċiedi jekk timponix dawn ir-rekwiżiti.

Fir-rigward tal-*breakdown* tal-prezz qabel l-għotja finali sabiex jiġu ġġustifikati prezzijiet anomali, il-Qorti tifhem li dak li qed jirreferi għalih Pitrolo huwa l-verifika fil-każ ta' offerti baxxi b'mod anormali hekk kif regolati minn Regolament 243 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 601.03 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti tinnota li dan huwa ilment kemm xejn frivolu minħabba li jirreferi għal meta offerent jissottometti offerta wisq baxxa b'dana illi jkun hemm dubju raġonevoli dwar jekk hemmx ksur ta' xi regoli dwar il-kompetizzjoni xierqa jew jekk il-kuntrattur in kwistjoni jkunx fehem x'inhu mitlub minnu u jekk hux ser ikun kapaċi jwettaq dak mitlub minnu. Stante li l-irħas offerta ġiet sottomessa mis-soċjeta' konvenuta kien ikun eventwalment hija li trid tgħaddi minn dan it-test.

- <u>Ma hemm l-ebda nuqqas minn naħa tal-kuntrattur minħabba li ma kienx hemm obbligazzjoni kuntrattwali</u>. A skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti tirreferi għal dak li qalet aktar 'il fuq dwar in-natura kuntrattwali ta' sejħa għall-offerti u tapplikah hawnhekk.

- <u>L-Aġenzija attriċi ma ressqet l-ebda prova li l-kuntratt ta' għotja ġdida li biha l-komunita' Ewropea ġiet infurmata bi prezz</u>

għola. Dak li qed tilmenta minnu s-soċjeta' konvenuta hawnhekk jirrelata mal-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea tal-avviż dwar l-għoti tal-kuntratt hekk kif regolat mir-Regolament 282 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 601.03 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-ilment ma huwiex ta' fejda għall-kuntrattur konvenut minħabba l-kundizzjoni tal-*General Rules Governing Tenders* (Dok. "J" – *a fol.* 132 *et seq.*) in kwistjoni tagħmilha ċara li dak li trid tikkumpensa s-soċjeta' konvenuta huwa d-differenza fil-prezz bejn l-offerta tagħha u l-prezz ta' l-offerta li tiġi rakkomandata minflok tagħha. B'hekk dak li riedet tipprova l-Aġenzija attriċi huwa l-valur tas-sejħa hekk kif ġiet rakkomandata lill-kuntrattur li ħadem il-lottijiet minflok is-soċjeta' konvenuta. Il-Qorti hija sodisfatta li din il-prova saret b'mod sodisfaċenti permezz ta' l-ittri ta' aġġudikazzjoni (Dok. "AIM 3" sa Dok. "AIM 5" (*a fol.* 40 *et seq.*).

- Ix-xogħlijiet li ma twettqux mill-Aġenzija attriċi imma xorta tħallsu jammontaw għal €46,023.59. Dan l-argument ma għandu xejn x'jaqsam mal-kawża odjerna u konsegwentement mhux mistħoqq.

- It-talba tal-Aġenzija attriċi mhux mistħoqqa minħabba li ma ġewx ippreżentati dokumenti li juru li l-Komunita' Ewropea ġiet infurmata li ma kienx hemm varjazzjonijiet u li l-unika bidla kienet id-differenza bejn l-offerti oriġinali. Dan ma għandu xejn x'jaqsam mal-kawża odjerna stante li l-ammont li jrid jitħallas mis-soċjeta' konvenuta jirriżulta mill-kundizzjoni 12.3 tal-*General Rules Governing Tenders* (Dok. "J" – *a fol.* 132 *et seq.*) u konsegwentement il-kwistjoni relatata mal-varjazzjonijiet ma għandha xejn x'taqsam.

- Ir-raġuni tat-talba ta' l-Aġenzija attriċi qed tiġi kkontestata minħabba li ma rriservatx l-istess trattament lill-oblatur li kklassifika fit-tieni post u rrifjuta li jwettaq ix-xogħlijiet. Kundizzjoni 8 tal-*General Rules Governing Tenders* (Dok. "J" – *a fol.* 132 *et seq.*) tispjega li l-perjodu ta' validita' tal-offerta kien ta' disgħin (90) ġurnata. Fix-xiehda tiegħu (*a fol.* 296), l-Inġinier Frederick Azzopardi jispjega li meta ġew biex imorru fuq it-tieni

oblatur ekonomiku l-perjodu ta' validita' ta' l-offerta kien skada u konsegwentement it-tieni oblatur kellu kull dritt li jirtira mis-sejħa.

Illi, meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq, isegwi li ma tressqet l-ebda raġuni valida fil-liġi sabiex is-soċjeta' konvenuta setgħet tirrifjuta milli tidħol għall-kuntratt in kwistjoni u b'hekk isegwi li l-Qorti ser tilqa' l-ewwel (1) talba tal-Aġenzija attriċi minħabba li permezz tar-rinunzja tagħha s-soċjeta' konvenuta kkawżat danni lill-Aġenzija attriċi.

**<u>It-Tieni (2) Talba u t-Tielet (3) Talba</u>**
**<u>(Tillikwida l-ammont ta' danni sofferti mill-Aġenzija attriċi permezz tar-rinunzja tas-soċjeta' konvenuta)</u>**

**<u>(Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas id-danni likwidati lill-Aġenzija attriċi)</u>:**
Illi f'dawn iż-żewġ talbiet dak li qed titlob l-Aġenzija attriċi huwa li l-Qorti tikkwantifika d-danni li ġew sofferti minnha u sabiex tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallasha tali danni.

Illi minn naħa tagħha s-soċjeta' konvenuta tgħid li fir-rigward ta' obbligu *de ineundo contractu* l-parti danneġġata trid titpoġġa fis-sitwazzjoni li kienet qabel ma ġiet interrotta t-trattativa u għalhekk kienu limitati għad-danni li hija nkorriet sal-mument li t-trattativi fallew.

Illi l-Qorti tinnota li dan mhux każ normali fejn parti li tkun tinsab fi trattativa tieqaf minn neġozjati iżda dawn huma ċirkostanzi fejn "l-hekk trattativi" seħħew taħt numru ta' kundizzjonijiet. Waħda minn dawn il-kundizzjonijiet kienet li l-offerent li lilu tiġi aġġudikata s-sejħa jrid jidħol għall-kuntratt b'mod tassattiv u li jekk jonqos jeħel sanzjonijiet pekunjariji hekk kif imfissra f'kundizzjoni 12.3 tal-*General Rules Governing Tenders* (Dok. "J" – *a fol.* 132 *et seq.*) li jipprovdi s-segwenti

> *"In instances where no bid bond is requested and the recommended tenderer withdraws his offer between the deadline for submission and the date of expiry of the validity of the tender,*

*he shall be liable for the payment of any difference between his offer and the awarded offer."*

Illi b'analogija kieku kien hemm *bid bond* kienet tinqabad il-*bid bond* minflok hekk kif seħħ fis-sentenza mogħtija fit-28 ta' April 2017 fil-kawża fl-ismijiet **Health Services Group Limited vs. Id-Direttur tal-Kuntratti et** (Numru 381/11). Għalhekk l-argument imressaq mis-soċjeta' konvenuta fil-kuntest speċifiku ta' dan il-każ mhux mistħoqq.

Illi prinċipju kardinali tal-liġi tagħna huwa li jekk konvenzjoni hija ċara u ma hemmx lok ta' interpretazzjoni din għandha tiġi applikata. F'dan ir-rigward issir riferenza għas-sentenza mogħtija fis-6 ta' Diċembru 2012 fil-kawża fl-ismijiet **Improve Design Ltd. vs. Ray's Car Hire Ltd et** (Numru 1132/2005) fejn il-Qorti għamlet riferenza għal sentenza oħra u qalet:

> "Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta (PA/RCP) tad-29 ta' Novembru 2001 fil-kawża '**General Cleaners Co. Ltd. vs Accountant General et'** ingħad hekk:
>
> *Jibda biex jingħad illi bħala prinċipju ġenerali, l-liġi u senjatament l-artikolu 1002 tal-Kodiċi Ċivili jgħid illi "Meta l-kliem ta' konvenzjoni, meħud fis-sens li għandu skond l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, hu ċar, ma hemmx lok għal interpretazzjoni".*
>
> *Il-prinċipju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali għandu jiġi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda". (A.C. 5 ta' Ottubru, 1998 – "**Gloria mart Jonathan Beacom et vs. L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines**")."*

Illi applikat dak li għadu kemm għadu ġie kkwotat għal dan il-każ, jirriżulta li d-diċitura ta' kundizzjoni 12.3 hawn fuq kwotata ma tħalli l-ebda dubju f'moħħ din il-Qorti b'dana illi għalhekk s-sanzjoni pekunjarja imposta mis-sejħa tammonta għad-differenza bejn l-offerta tas-soċjeta' konvenuta u l-offerta tas-soċjeta' li finalment ġiet mogħtija s-sejħa.

Illi għalhekk jirriżulta li l-offerti tas-soċjeta' konvenuta kienu ta' €103,397.74 għal *lot* 1 waqt li għal *lot* 2 il-prezz kien ta' €126,326.96 (Dok. "B" – *a fol.* 6.). Mill-atti jirriżulta li *lot* 1 intrebaħ bil-prezz ta' €114,331.78 (Dok. "AIM 4" – *a fol.* 41) waqt li *lot* 3 intrebaħ bil-prezz ta' €142,576.52 (Dok. "AIM 5" – *a fol.* 42.). Konsegwentement id-differenza bejn iż-żewġ lottijiet hija dik ta' €27,183.60.

B'hekk isegwi, u dan għar-raġunijiet spjegati iktar 'il fuq, li l-Qorti ser tilqa' t-tieni (2) u tielet (3) talba tal-Aġenzija attriċi u għalhekk ser tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lill-Aġenzija attriċi s-somma ta' €27,183.60.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel (1) eċċezzjoni preliminari tas-soċjeta' konvenuta stante li din ġiet irtirata fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2020 (*a fol.* 55);

2. Tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra tas-soċjeta' konvenuta sa fejn kompatibbli ma' din is-sentenza;

3. Tilqa' l-ewwel (1) talba tal-Aġenzija attriċi hekk kif dedotta fir-Rikors Maħluf tagħha;

4. Tilqa' it-tieni (2) u t-tielet (3) talba tal-Aġenzija attriċi b'dana illi tillikwida l-ammont ta' danni sofferti minnha fis-somma ta' sebgħa u għoxrin elf, mija u tlieta u tmenin Euro u sittin ċenteżmu (€27,183.60) u b'hekk tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta Restoration and Construction Services Group Limited tħallas lill-Aġenzija attriċi s-somma ta' sebgħa u għoxrin elf, mija u tlieta u tmenin Euro u sittin ċenteżmu (€27,183.60).

Finalment, il-Qorti tordna li l-ispejjeż kollha hekk mitluba fir-Rikors Maħluf tal-Aġenzija attriċi jitħallsu mis-soċjeta' konvenuta Restoration and Construction Services Group Limited.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**